MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 679/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs.**

**Malcolm Brian Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Malcolm Brian Mercieca**, ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, iben missier mhux maghruf u Silvana Mercieca, imwieled Pieta fis-16 ta’ Mejju 1985, residenti f’indirizz mhux maghruf u detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 279285M, akkuzat talli:

1. fit-13 ta' Mejju 2013, ghall-habta ta' 11:50 am fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAE 515 ta' l-ghamla Hyundai, liema serq, li huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga tal-oggett misruqa u bil-valur li ma jeccedix €2329.37, sar ghad-detriment ta' Omar Abdel-Aal mill-Marsa u/jew persuni ohra;

2. fit-13 ta' Mejju 2013 u fil-jiem ta' wara f'dawn il-Gzejjer volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé fl-imsemmija vettura, liema hsara li tiskorri € 116.47 izda ma tiskorrix € 1164.69, saret ghad-dannu ta' Omar Abdel-Aal mill-Marsa u/jew ta' persuni ohra;

3. fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontajament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioé l-vettura imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew volontarjament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. fl-istess zminijiet u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni;

5. fit-13 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' nofsinhar fil-Marsa u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu komplici f'tentattiv ta' serq ta' flus kontanti permezz ta' *credit card* minn ATM meta ta ordni u/jew ghen jew asssista lill-haddiehor bil-mod li d-delitt gie ippreparat jew ikkonsmat jew billi b'xi mod sahhah il-volonta' ta' haddiehor sabiex jaghmel id-delitt;

6. fis-17 ta' Lulju 2013 ghall-habta tad-9.30am gewwa l-Marsa, ikkommetta serq ta' *handbag* kontenenti flus kontanti (mija u hamsin ewro) u xi effetti personali ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Doreen Spiteri mill-Marsa u/jew persuni ohra;

7. fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioé l-*handbag* bil-kontenut tieghu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew volontarjament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

8. irrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati/Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Doreen Spiteri u l-membri tal-familja tieghu *ai termini* tal-Artikolu 382A *et sequitur*, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Doreen Spiteri u l-membri tal-familja taghha.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2013, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2013, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tielet (3) u s-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat huma alternattivi ghall-ewwel (1) u ghas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (li hija wahda refrattarja) u l-fatt li l-imputat gie akkuzat bir-recidiva, li l-imputat ser jinstab hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, stante li gie dikjarat li dawn l-imputazzjonijiet huma alternattivi ghall-ewwel (1) u ghas-sitt (6) imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 41(1)(a), 42, 49, 50, 261(c), 261(g), 267, 271(g) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Malcolm Brian Mercieca hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tletin (30) xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Doreen Spiteri u l-membri tal-familja taghha ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------